MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 66/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bugeja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bugeja talli f'Ghawdex nhar il-Hadd **31 ta' Ottubru 2004** meta kien ordnat mill-Qorti b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja datat 18 ta' Ottubru 2001 fejn dik il-qorti kienet ordnat li martu Miriam Bugeja ghandha jkollha l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Charlon bejn il-Hadd filghaxija sal-Gimgha wara nofs in-nhar, irrifjuta li jirritorna lura lill-minuri Charlon lill-martu mighajr raguni xierqa, bi ksur ta' l-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-10 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-

imsemmi Joseph Bugeja minn din l-imputazzjoni wara li waslet ghall-konkluzzjoni li “fil-31 ta’ Ottubru 2004 [hu] ma kienx marbut bid-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati Gurisdizzjoni Volontarja nhar it-18 ta’ Ottubru 2001”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ippresentat fit-18 ta’ Marzu 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Settembru 2005; ikkunsidrat:

Biex wiehed jifhem ezatt x’gara f’din il-kawza, tajjeb li qabel xejn issir rikapitolazzjoni tal-fatti:

1. B’digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fit-18 ta’ Ottubru 2001, Miriam Bugeja kellu jkollha l-kura tal-minuri Charlon (jigifieri jkun ghandha) bejn il-Hadd filghaxija u l-Gimgha wara nofs in-nhar sa x’hin tispicca l-iskola; l-imsemmi minuri kellu jkun ghand missieru Joseph Bugeja bejn il-Gimgha wara l-iskola u t-8.00 pm tal-Hadd.

2. Gara li f’xi zmien <u>qabel id-data indikata fl-imputazzjoni</u> gie allegat li Joseph Bugeja ma kienx qed jottempera ruhhu ma’ dan id-digriet u ghalhekk il-Pulizija Ezekuttiva ipprocediet kontra tieghu. Fil-kors ta’ dawn il-proceduri l-ohra, u precisament fl-udjenza tas-**7 ta’ Ottubru 2004** gie registrat is-segwenti verbal:

**“Il-Qorti tordna illi bla pregudizzju ghal kawzi pendenti kemm dawk civili kif ukoll din odjerna. Il-Partijiet jaqblu li t-tifel minuri ser jkun fil-kustodja parzjali tal-missier b’dak illi l-missier jobbliga ruhhu li kull nhar ta’ Erbgha bejn l-4.30 pm sas-6.00 pm u s-Sibt bejn l-10.00 am sa 12.00 am jakkompanja lill-ibnu ghand is-sorijiet ta’ Lourdes biex b’hekk fil-presenza tal-omm it-tifel joqghod fil-presenza tat-tnejn. Dan l-arrangament ghandu jibqa’ sal-21 ta’ Ottubru 2004. F’dik l-okkazzjoni s-sitwazzjoni tigi riveduta.”**

3. Fl-udjenza tat-**3 ta’ Marzu 2005** fil-proceduri odjerni – jigifieri dawk riferibbilment ghall-imputazzjoni li tirrigwarda l-allegat nuqqas li sehh fil-31 ta’ Ottubru 2004 – gie registrat verbal da parti tad-difensur tal-parti civili (cioe` ta’ Miriam Bugeja) fis-sens li “il-ftehim” tas-**7 ta’ Ottubru 2004** kien biss wiehed provvizorju li l-imsemmija Miriam Bugeja kienet accettat li taghmlu semplicement ghax “ma setghetx tissaporti aktar zmien minghajr ma tara lil binha”. L-istess difensur iddikjara li ghall-klienta tieghu “dal-ftehim m’ghadux jezisti ghalkemm hija ghadha tmur Lourdes Home kull nhar ta’ Erbgha u nhar ta’ Sibt ghax hu l-uniku mod kif tara l-binha anke jekk f’dawn l-okkazzjonijiet hija ma tistax tikkomunika b’mod liberu ma’ binha.”

4. In segwitu ghal dana l-verbal tat-3 ta’ Marzu 2005 id-difensur tal-appellant, allura imputat, argumenta li galadarba bejn is-**7 ta’ Ottubru 2004** u t-**3 ta’ Marzu 2005** kien hemm <u>ftehim</u> bejn il-partijiet ta’ kif kellu jigi regolat l-access ta’ l-omm ghall-minuri (ftehim b’modalitajiet differenti minn dawk stipulati fid-digriet tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja), <u>ghal dak il-periodu</u> ta’ kwazi hames xhur ma kienx japplika d-digriet tal-allura Qorti ta’ Gusrisdizzjoni Volontarja tat-18 ta’ Ottubru 2001. Huwa talab decizjoni preliminari dwar jekk il-proceduri odjerni kellhomx jitkomplew o meno.

Kif diga nghad, l-ewwel qorti, bis-sentenza taghha tal-10 ta’ Marzu 2005, iddecidiet li fil-31 ta’ Ottubru 2004 l-imputat – appellant odjern – ma kienx marbut bid-digriet tat-18 ta’ Ottubru 2001 u dan in vista’ tal-ftehim (li kien wiehed rivedibbli) milhuq fis-7 ta’ Ottubru 2004 u li kien baqa’ fis-sehh sat-3 ta’ Marzu 2005 meta gie ripudjat, kif kellha dritt taghmel, mill-mara Miriam Bugeja.

L-Avukat Generali, pero`, qed ighid li galadarba kien hemm id-digriet tat-18 ta’ Ottubru 2001, xejn ma seta’ jvarjah, u li ghalhekk indipendentement minn dak li jinghad fil-verbal tas-7 ta’ Ottubru 2004, dak id-digriet kien ghadu japplika u kellu jigi osservat mill-missier fil-31 ta’ Ottubru 2004.

Din il-Qorti frankament ma tistax issegwi r-ragunament ta' l-Avukat Generali. Il-Qorti Civili kompetenti normalment tintervjeni biex tipprovdi dwar kura, kustodja u access ta' minuri meta, ghal xi raguni, tkun li tkun, il-missier u l-omm ma jkunux jistghu jiftehmu bejniethom dwar l-istess. Huwa veru li l-presunzjoni hi li, kemm-il darba digriet ta' tali Qorti ma jigix revokat jew altrimenti mibdul b'digriet iehor ta' dik l-istess Qorti jew ta' Qorti ohra kompetenti[1], dan jibqa' fis-sehh sakemm il-minuri koncernat jaghlaq it-tmintax-il sena[2]. In fatti tkun haga alkwantu perikoluza li kieku l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kellhom jammettu li b'semplici "ftehim" bejn il-partijiet il-modalitajiet dwar kura, kustodja u access ta' digriet tal-Qorti Civili kompetenti jistghu jinbidlu, jew li addirittura tali "ftehim" jista' jirrevoka kompletament digriet simili – ghax altrimenti kull procedura fuq imputazzjoni li tipotizza r-reat kontravvenzjonali kontemplat fil-paragrafu (*ll*) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali tispicca tirrisolvi ruhha f'indagini interminabbli dwar x'setghu ftehmu jew ma ftehmux l-omm u l-missier bejniethom wara l-ghoti ta' tad-digriet relattiv. L-istess, naturalment, jista' jinghad ghal proceduri fuq imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (*z*) ta' l-imsemmi Artikolu 338. Mill-banda l-ohra, pero`, jekk ikun hemm kuntratt – u b'"kuntratt" din il-Qorti tifhem ftehim li jkun jinsab f'att pubbliku – li jkun jipprovdi mod iehor minn kif provvdut fid-digriet tal-Qorti Civili kompetenti, din il-Qorti ma tarax ghala, ghall-finijiet ta' imputazzjoni bhal dik in dizamina, tali kuntratt ma jistax ivarja, in parti jew ghal kollox, il-modalitajiet dwar kura, kustodja u access kontenuti f'digriet jew f'sentenza ta' Qorti Civili kompetenti. In fatti, kemm il-paragrafu (*ll*) kif ukoll il-paragrafu (*z*) ta' l-Artikolu 338 jitkellmu dwar ordni ta' qorti jew rabta ta' kuntratt.

Issa, fil-kaz in dizamina, ghalkemm il-verbal tas-7 ta' Ottubru 2004 seta' kien redatt b'mod aktar car, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li f'dik id-data Joseph Bugeja (l-imputat) u Miriam Bugeja (il-parti civili) riedu jiftehmu,

[1] U l-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (jew addirittura anke bhala Qorti Istruttorja) ma hix hekk kompetenti li tista' temana tali digriet jew taghti ordni f'dan ir-rigward.

[2] L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' sentenza.

ghalkemm provvisorjament, dwar il-modalita` ta’ access ta’ l-istess Miriam Bugeja ghall-minuri Charlon. Dan ghamluh f’verbal ta’ qorti – il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Fil-fehma tal-Qorti tali ftehim ghandu l-forza ta’ kuntratt ghall-fini tad-disposizzjoni in ezami, u dan qed jinghad b’analogija ma’ dak li gie ritenut dwar verbali simili fil-kamp civili[3]. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzzjoni taghha, u l-appell ta’ l-Avukat Generali m’ghandux jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara, per ezempju, ***Geranzio u Lina konjugi Bartolo v. Angelo Caruana*** Prim Awla, 11 ta’ Dicembru 1992.